# AĦBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

*Ingliżi ta' l-"Air Force" iżuru Ġerusalem.* — Fizz'ali u suldati ta' l-Ajru li qegħdin f'Cipru, qrib il-Palestina, talbu u qalgħu l-ħalla li jmorru jżuru l-Imkejjen Imqaddsa ta' Ġerusalem. S'issa b'kollox għadhom marru ftit 'il fuq minn erba' mija, bejn fizzjali u suldati, u għaddew f'Ġerusalem minn ħamsa sa sebat ijiem. Żaru l-Qabar ta' Kristu, il-Pretorju ta' Pilatu, id-Dar ta' Santa Anna, il-Wied ta' Ġosafat, il-Qabar tal-Madonna, il-Ġnien tal-Ġetsemani u Ġebel iż-Żejtun. Marru wkoll għamlu żjara lill-Għar tat-Twelid f'Betlehem. Dawn iż-żjajjar ingħoġbu wisq u l-fizz'ali u s-suldati tal-R.A.F. li hemm Cipru qishom kollha qegħdin jistennew nwbithom biex imorru.

*Il-Għarab ta' bla dar fil-Palestina.* — Dawk il-Għarab li ħarbu minn djarhom fi żmien il gwerra ta' bejnhom u bejn Israel fl-1948 u qegħdin igħixu taħt it-tined, issa laħqu l-għadd ta' *miljun,* bit-trabi li tweldulhom minn dak iż-żmien 'il hawn. Dawn igħixu ħażin ħażin bil-għajnuna li jagħtuhom il-ġnus imseħbin fl-U.N.O. Il-qagħda tagħhom hi kerha għall-aħħar għax jekk tonqoshom il-għajnuna għal ftit xhur, imutu bil-ġuħ.

*Il-Lukandi f'Ġerusalem.* — F'Ġerusalem il-Qadima hemm nuqqas kbir ta' xogħol tal-lukandi, billi ftit wisq qegħdin imorru żawwarin ħtija tattilwim li qatt ma jaqta' bejn il-Għarab u l-Lhud. Għalhekk is-sjied tallukandi ltaqgħu u bagħtu jgħarrfu lill-Ħakma fuq il-qagħda ħażina tagħhom. Talbuha tara x'tagħmel biex jibdew jidħlu kemm jista' jkun żawwara fil-pajjiż u li ma tħallix li jinbnew lukandi aktar, għax issa wkoll hemm lukandi aktar milli jeħtieġ.

*Ħsieb ta' Israel għalli ġej.* — Jingħad li l-Ħakma Israelija għamlet ilħsieb li żżid il-għammarin tagħha u twassalhom sa żewġ miljuni u nofs sas-sena 1961. Għal din il-għajn bi ħsiebha tissellef flus minn għand il-Lhud għanja ta' l-Amerika biex thejji xogħlijiet kbar u mbagħad tibgħat għal erba' mitt elf (400,000) Lhudi oħra ħalli jiġu jgħixu f'Israel.

*Il-għadd ta' l-Insara f'Israel.* — Fi ktieb li joħroġ darba fis-sena mill-Ħakma Israelija. miktub li f'dik l-art bħal issa jinsabu Insara erbgħa u erbgħin elf (44,000) li jagħmlu tnejn fil-mija (2%) tan-nles kollha ta' Israel. Miktub ukoll li f'Israel hemm 'l fuq minn mitejn Knisja Nisranija, bejn Ortodossi, Kattoliċi u Protestanti.

*Qassisin Taljani f'Ġerusalem* — Seba' u tletin qassis Taljan, l-aktar fosthom minn Ruma, ftiehmu u marru żjara Ġerusalem taħt it-tmexxija tal-Franġiskan Patri Centis. Qagħdu l-Palestina tnaxexr jum u żaru l-Imkejjen Imqaddsa kollha. Għamlu Siegħa Adorazzjoni fil-Bażilka tat-Tabor u siegħa oħra fil-Bażilka tal-Ġetsemani. Għamlu l-Via Sagra fit-toroq ta' Ġerusalem b'naqra ta' taħdita f'kull waqfa jew *stazzjon.* Bil-qima u l-ġabra tagħhom taw turija tajba lil kulħadd.

*Turija ta' ġieħ lill-Arkitett Barluzzi.* — Antonio Barluzzi, Arkitett Taljan li ilu snin kbar fl-Art Imqaddsa u bena bosta knejjes tal-Franġiskani (tat-

Tabor, tal-Ġetsemani, ta' Betfaġ, ta' Ġebel iż-Żejtun, tar-Rgħajja, u d-Dejr il-kbir ta' Nazaret) u li issa qiegħed igħix ħajja miġbura mal-Franġiskani f'Nazaret, qala' l-isem ta' "Grand Ufficiale al Merito" minn għand ir-Repubblika Taljana. Sarlu naqra ta' għors u fiha ngħatat lilu l-medalja u x-xhieda bil-miktub minn id il-Konslu Taljan, Dott. Luċifru Giotta, fl-isem ta' l-Eċċ. Tiegħu Signor Gronchi, President tar-Repubblika Taljana.

*Il-Kotba tal-Baħar Mejjet.* — Finnaħa Israelija ta' Ġerusalem sar Kongress tat-tagħlim Lhudi u ħadru għalih Lhud mid-dinja kollha. F'egħluq il-Kongress saret wirja tas-seba' kotba qodma li għandhom il-Lhud minn dawk li nstabu Qumran, qrib il-Baħar Mejjet. Fosthom kien hemm ukoll il-wisq imsemmi Ktieb tar-Regola ta' l-Essenin.

* * *

*Il-Ħruġ tar-Rivista.* — Għadd ta' msehbin talbuna biex nibdew noħorġu dan il-Qari kull xahar jew ta' l-anqas kull xahrejn. Aħna niżżu ħajr lil dawn il-ħbieb tagħna għax urewna li dal-Qari qiegħed jogħġobhom, imma ngħarrfuhom li dan ma jistax isir għal issa, għax hawn Malta fuq il-materjal tagħna ftit hawn min jista' jikteb. Dawk il-barranin li jiktbulna għandhom ħafna x'jagħmlu u aħna nistgħaġbu bihom u nfaħħruhom talli jsibu ż-żmien biex jaqdu lilna. U l-gewwenin huma magħfusin iżżejjed bix-xogħol u ma jistax ikun li ngħabbuhom aktar. Mela għal issa sabar, sakemm il-Bambin jiddisponi xorta oħra.

*Il-ħarġiet ta' wara* — Nixtiequ lill-imseħbin tagħna li meta jaqraw dan il-ktejjeb jeħilgħuh [b]iex ma jintilfx, għax jekk 'il quddiem ikunu jridu jiġbru dawn il-kotba flimkien u jkun jonqoshom xi għadd, aħna *ma nistgħux naqduhom,* għax mill-kotba li ħarġu s'issa ma baqgħalna *ebda kopja,* għalhekk jekk jitolbuna xi għadd, ma nkunux nistgħu naqduhom.

*Ġabriet għall-Qabar ta' Kristu.* — F'dawn it-tliet xhur saru ġabriet bħal ma dari jsiru fil-knejjes parrokkjali ta' Malta li ma nġibuhomx biex ma noqgħodux intennu dejjem kliem wieħed. Niżżu ħajr lil dawk kollha li għenu mill aħjar li setgħu lill-Franġiskani tat-Terra Santa u ngħidulhom li l-Palestina għaddejja minn żmien ikrah, u aktar ma jmur aktar qiegħed jikrieh, billi l-Qabar ta' Kristu, u l-Għar ta' Betlehem u d-Dar tal-Madonna f'Nazaret jinsabu taħt idejn ta' nies li mhumiex Insara. Ngħidu wkoll lil dawk kollha li jgħinu t-Terra Santa li talb għalihom isir kuljum waqt il-quddies ġewwa l-Qabar ta' Kristu.

## KLIEM TA' MUHAMMED

Kieku tafu dak li naf jien, kieku tidħku ftit u tibku ħafna. L-aktar li għandek tibża' meta l-aktar ikollok ġid, għax aktar ma jkollok ġid, aktar tidħol fit-tiġrib. Il-ġid tad-dinja jkun tassew ġid jekk tinqeda bih biex tgħin lil min ikun fil-ħtieġ. In-nar ta' l-infern magħmul mill-għaxqiet ta' din id-dinja. Aktar ma bniedem ikollu għaxqiet fuq l-art, aktar ikollu nar jaħarqu fl-infern.

✝

# REQIESCANT IN PACE

**Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.**

PAWLU CUTAJAR, miet Ħal Safi, fis-27 ta' Diċembru 1951.

SAVERIA CUTAJAR, mietet Ħal Safi, fit-23 ta' Diċembru 1949.

GIOVANNA CUTAJAR, mietet Ħal Safi, fit-26 ta' Jannar 1949.

CONCETTA TABONE, mietet iż-Żejtun, fid-19 ta' Lulju 1951.

FRANCESCO GRECH, miet Ħal Qormi, fid-19 ta' Marzu 1951.

ROSARIA GRECH, mietet Ħal Qormi, fit-12 ta' Diċembru 1952.

CARLO GRECH, miet Ħal Qormi, fil-11 ta' Novembru 1953.

CARMELO SCHEMBRI, miet Ħal Qormi, fis-6 ta' Ottubru 1957.

LORENZA ABELA, mietet Ħal Tarxien, fit-30 ta' Diċembru 1957.

CATERINA ABELA, mietet Ħal Tarxien, fis-6 ta' Jannar 1940.

GIUSEPPE DARMANIN, miet Ħal Tarxien, fid-19 ta' Marzu 1957.

CATERINA ABELA, mietet fl-4 ta' April 1942, f'Ħal Tarxien.

PAUL ABELA, miet Ħal Tarxien, fit-8 ta' Jannar 1942.

ASSUNTA ABELA, mietet Ħal Tarxien, fit-8 ta' Diċembru 1944.

FELICE ABELA, miet Ħal Tarxien, fl-10 ta' Marzu 1944.

CARMELA ABELA, mietet Ħal Tarxien, fl-10 ta' Marzu 1944. xsxT Tarxien, fis-16 ta' Frar 1950.

CARMELA ABELA, mietet Ħal Tarxien, fis-6 ta' Mejju 1954.

JOHN COLEIRO, miet il-Belt Valletta, fit-2 ta' Awissu 1957.

LUIGI ELLUL, miet Ħaż-Żabbar, fil-25 ta' Lulju 1957.

CARMELA BORG, mietet il-Gżira fit-8 ta' Lulju 1957.

DOLORES BONNICI, mietet in-Naxxar, fis-6 ta' Novembru 1956.

NICOLA MUSCAT, miet in-Naxxar, fid-19 ta' Settembru 1957.

VITTORIA FENECH, mietet in-Naxxar, fil-11 ta' Novembru 1956.

PAULA TABONE, mietet iż-Żejtun fil-5 ta' Mejju 1937.

TERESA TABONE, mietet iż-Żejtun, fl-4 ta' Diċembru 1955.

EMMANUELE PSAILA, miet iż-Żejtun, fit-8 ta' April 1940.

MADDALENA VELLA, mietet Ħal Safi, fil-15 ta' Ottubru 1957.

TERESA AXIAK, mietet il-Belt Valletta, fl-4 ta' Novembru 1957.

CARMELO SAMMUT, miet Ħal Qormi, fil-5 ta' Novembru 1957.

ANTONIA FENECH, mietet Ħal Qirmi, fis-6 ta' Ottubru 1957.

ADELAIDE ZAMMIT, mietet tas-Sliema, fid-19 ta' Novembru 1957.

CARMELA SULTANA, mietet Kerċem, Għawlex, fid-19 ta' Awissu 1953.

FRANCESCO SULTANA, miet Kerċem, Għawdex, fis-6 ta' Mejju 1944.

GIOVANNI SCHEMBRI, miet Kerċem, Għawdex, fit-28 ta' Novembru 1954.

LORENZA SCHEMBRI, mietet Kerċem, Għawdex, fis-7 ta' Ottubru 1942.

ĠORĠ SCHEMBRI, miet Kerċem, Għawdex, fil-15 ta' Awissu 1957.

ANNA SULTANA, mietet Kerċem, Għawdex, fil-15 ta' Jannar 1925.

MICHELE SULTANA, miet Kerċem, Għawdex, fil-15 ta' Awissu 1924.

LORENZO SULTANA, miet Kerċem, Għawdex, fid-29 ta' Ġunju 1948.

**Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.**